

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2379****tat-18 ta' Diċembru 2017****dwar ir-rikonoxximent tar-rapport tal-Kanada li jinkludi l-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola skont id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***(notifikata bid-dokument C(2017) 8801)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(4) tagħha,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Marzu 2016, il-Kanada ressqet rapport li jippreżenta r-riżultati tal-kalkoli tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-kultivazzjoni ta' żerriegħa tal-lift għar-reġjuni tal-Kanada simili għar-reġjuni NUTS 2 fl-UE.
- (2) Wara l-eżami tar-rapport ippreżentat mill-Kanada, il-Kummissjoni tqis li dan jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2009/28/KE biex jippermettu lill-pajjiż terz li juża valuri tipiċi għal żona ġeografika iżgħar (reġjuni Kanadiżi) minn dawk użati fil-kalkolu tal-valuri prestabbiliti: id-dejta ta' dan ir-rapport tirreferi għal emissjonijiet mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola (żerriegħa tal-lift); l-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-kultivazzjoni taż-żerriegħa tal-lift jistgħu jkunu mistennija li jkunu inqas jew ugwali għall-emissjonijiet li ġew stabbiliti fil-kalkolu tal-valuri prestabbiliti rilevanti; u l-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet b'effett ta' serra ġew irrappurtati lill-Kummissjoni.
- (3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijofjuwils u tal-Bijolikwidi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kummissjoni tqis li r-rapport imressaq mill-Kanada għal rikonoxximent fl-14 ta' Marzu 2016 fih dejta preċiża biex jitkejlu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra assoċjati mal-kultivazzjoni taż-żerriegħa tal-lift prodotta fir-reġjuni Kanadiżi ekwivalenti għan-NUTS 2 għall-finijiet tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2009/28/KE. Deskrizzjoni tad-dejta li tinsab fir-rapport hija stipulata fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija valida għal perjodu ta' ħames snin. Jekk il-kontenut jew ċirkostanzi tar-rapport, kif imressaq lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent fl-14 ta' Marzu 2016, jinbidel b'tali mod li jista' jaffettwa l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent magħmul fl-Artikolu 1, tali tibdil għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-tibdil innotifikat bil-għan li tistabbilixxi jekk ir-rapport għadux qed jipprovdi dejta preċiża.

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni tista' tirrevoka din id-Deċiżjoni jekk ikun intwera biċ-ċar li dak ir-rapport ma għadux jinkludi dejta preċiża għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra assoċjati mal-kultivazzjoni ta' żerriegħa tal-kolza prodotta fil-Kanada.

<sup>(1)</sup> ĠUL 140, 5.6.2009, p. 16.

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER

## ANNEX

L-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-kultivazzjoni taż-żerriegħa tal-lift fir-reġjuni Kanadiżi

Reġjuni	Tiżriġ	Emissjonijiet uniċi (kg CO <sub>2</sub> ek/tunnellata niexfa)				Emissjonijiet totali	
		Produzzjoni tal-fertilizzant	N <sub>2</sub> O emissjonijiet mill-għalqa	Produzzjoni tal-pestiċidi	Operazzjonijiet tal-għalqa	(kg CO <sub>2</sub> ek/tunnellata niexfa)	Kg CO <sub>2</sub> ek/MJ FAME
RU 23	2,4	262,5	523,5	4,2	73,1	865,7	33
RU 24	2,2	266,5	510,6	3,7	64,9	847,9	33
RU 28	2,5	212,8	499,5	3,8	71,4	790,0	30
RU 29	2,5	203,1	319,4	3,6	63,4	592,0	23
RU 30	2,2	190,2	206,5	2,8	55,1	456,8	18
RU 34	2,2	170,4	421,2	3,3	57,7	654,8	25
RU 35	1,9	154,2	338,4	2,6	54,9	552,0	21
RU 37	2,1	166,6	198,2	2,8	58,3	428,0	16

Nota: B'RU qed jifisser l-iżgħar unità spazjali li fiha dejta dwar l-attivitajiet minn sorsi differenti (bħal AAFC - Agriculture and AgriFood - Canada, il-Gvern tal-Kanada u s-Servizz tal-Foresterija Kanadiża) jistgħu jiġu armonizzati. L-RUs huma Żoni ta' Rappurtar tal-AAFC maqsuma skont il-fruntieri provinċjali. RU hija għalhekk fi ħdan Provinċja waħda. L-RUs fil-Kanada jissodisfaw ir-rekwiżiti amministrattivi u tal-popolazzjoni tal-kunċett NUTS 2.